

32003R1210

L 169/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

8.7.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1210/2003****tas-7 ta' Lulju 2003****dwar ċerti ristrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji ma' l-Iraq u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2465/96**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari, l-Artikoli 60 u 301 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni 2003/495/CFSP dwar l-Iraq u li tirrevoka l-Posizzjonijiet Komuni 1996/741/CFSP u 2002/599/CFSP <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) L-Kunsill impona embargo komprensiv fuq il-kummerċ ma' l-Iraq skond ir-Riżoluzzjoni 661 (1990) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u Riżoluzzjonijiet oħra rilevanti li ħarġu warajha. Fil-preżent, dan l-embargo huwa stabbilit fil-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2465/96 tas-17 ta' Diċembru 1996 dwar il-waqfien ta' relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji bejn il-Komunità Ewropea u l-Iraq <sup>(2)</sup>.
- (2) Fir-Riżoluzzjoni 1483 (2003) tat-22 ta' Mejju 2003, il-Kunsill tas-Sigurtà ddeċieda illi, minbarra ċerti eċċezzjonijiet, il-projbizzjonijiet kollha dwar il-kummerċ ma' l-Iraq u l-provvista ta' riżorsi finanzjarji u ekonomiċi lill-Iraq, ma' għandhomx jibqgħu jiġu applikati.
- (3) Bl-eċċezzjoni ta' projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' armi u materjal relatat lejn l-Iraq, ir-Riżoluzzjoni tistabbilixxi illi r-ristrizzjonijiet komprensivi dwar il-kummerċ għandhom ikunu revokati u mibdula b' ristrizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għall-qliġ mill-bejgħ u mill-esportazzjoni ta' żejt mhux raffinat, prodotti ta' żejt mhux raffinat, u gass naturali mill-Iraq, u għall-kummerċ f'affarijiet li jappartjenu lill-patrimonju kulturali ta' l-Iraq bil-għan li jkun faċilitat ir-ritorn salv ta' dawn l-affarijiet.
- (4) Ir-Riżoluzzjoni tistabbilixxi wkoll illi ċerti fondi u riżorsi ekonomiċi, b'mod partikolari dawk li jappartjenu lill-Ex-President ta' l-Iraq Saddam Hussein u lill-uffiċjali anzjani tar-reġim tiegħu, għandhom ikunu friżati wara li jkunu indikati mill-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà stabbilit skond il-paragrafu 6 tar-Riżoluzzjoni 661 (1990). Ir-Riżoluzzjoni tgħid ukoll illi dawn il-fondi għandhom ikunu trasferiti fil-Fond għall-Iżvilupp ta' l-Iraq.
- (5) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu t-trasferimenti tal-fondi, tar-riżorsi ekonomiċi, u tal-qliġ mir-riżorsi ekonomiċi li ġew friżati għall-Fond għall-Iżvilupp ta' l-Iraq, hemm bżonn li dawn il-fondi u riżorsi ekonomiċi ma jibqgħux iffriżati.

- (6) Ir-Riżoluzzjoni tistipula illi ż-żejt mhux raffinat, prodotti ta' żejt mhux raffinat u l-gass naturali kollu li kien esportat mill-Iraq, kif ukoll il-pagamenti għal dawn l-affarijiet, għandhom ikunu meħlusa minn kull proċedura legal, sekwestri, qbid u eżekuzzjoni miġjuba minn dawk li għandhom xi pretensjoni kontra l-Iraq. Din il-miżura temporanja hija meħtieġa sabiex tinkoraġġixxi l-bini mill-ġdid ta' l-Iraq u l-istrutturar mill-ġdid tad-dejn ta' l-Iraq. Dan għandu jgħin sabiex tkun imneħħija t-theddida għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali li toħloq is-sitwazzjoni preżenti fl-Iraq u dan fl-interess tal-komunità internazzjonali u b'mod partikolari tal-Komunità u l-Istati Membri.
- (7) Il-Pożizzjoni Komuni 2003/495/CFSP taħseb għal emenda tar-reġim Komunitarju preżenti sabiex din il-Pożizzjoni Komuni tkun skond ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1483 (2003).
- (8) Dawn il-miżuri jaqgħu taħt il-kompetenza tat-Trattat u, għalhekk, hija meħtieġa leġislazzjoni Komunitarja sabiex ikunu implimentati d-deċizzjoni rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà fit-territorju tal-Komunità, b'mod partikolari bil-għan li jkun evitat tagħwiġ fil-kompetizzjoni. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, it-territorju tal-Komunità huwa meqjus bħala li jinkludi t-territorju ta' l-Istati Membri li għalihom japplika t-Trattat, u dan skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat.
- (9) Sabiex ikun hemm ċertezza legali massima fil-Komunità, għandhom ikunu pubblikati l-ismijiet u data oħra rilevanti dwar persuni naturali jew ġuridiċi, gruppi jew entitajiet identifikati mill-awtoritajiet tan-Nazzjonijiet Uniti u li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tagħhom għandhom jiġu friżati. Barra minn hekk, għandha tkun stabbilita proċedura Komunitarja li tistabbilixxi kif dawn il-listi jkunu emendati.
- (10) Għal raġunijiet ta' espedjenza, il-Kummissjoni għandha tingħata l-poter li temenda l-Annessi ta' dan ir-Regolament li jistabbilixxu l-lista ta' affarijiet kulturali, l-listi ta' persuni, organi u entitajiet li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tagħhom għandhom jiġu friżati, u l-lista ta' l-awtoritajiet kompetenti.
- (11) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom, fejn ikun hemm bżonn, jingħataw il-poter li jassiguraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikunu osservati.
- (12) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar il-miżuri meħuda skond dan ir-Regolament u dwar informazzjoni oħra rilevanti li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom u li jkollha x'taqsam ma' dan ir-Regolament. Huma għandhom jikkooperaw mal-Kumitat stabbilit fir-Riżoluzzjoni 661 (1990) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari, billi jgħaddulu informazzjoni.

<sup>(1)</sup> Ara paġna 72 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>(2)</sup> ĠU L 337, tas-27.12.1996, p. 1. Ir-Regolament skond kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 208/2003 (ĠU L 28, ta' l-4.2.2003, p. 26).

- (13) l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet li japplikaw għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jassiguraw illi dawn ir-regoli jkunu implimentati. Is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettvi, proporzjonati u li kapaċi jiddisswadu.
- (14) Minħabba li l-miżuri komprensivi dwar il-kummerċ tar-Regolament (KE) Nru 2465/96 qed jiġu mibdula bir-ristrizzjonijiet speċifiċi dwar il-kummerċ li jinsabu f'dan ir-Regolament, u billi dan ir-Regolament jimponi miżuri ta' friża li jitolbu applikazzjoni immedjata minn operaturi ekonomiċi, huwa meħtieġ li jkun assigurat illi s-sanzjonijiet għall-ksur ta' dan ir-Regolament jkunu jistgħu jiġu applikati malli dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ.
- (15) Għal raġunijiet ta' ċarezza, ir-Regolament (KE) Nru 2465/96 għandu jkun revokat fl-intier tiegħu.
- (16) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3541/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li jipprojbixxi li pretensjonijiet ta' l-Iraq dwar kuntratti u operazzjonijiet ikunu sodisfatti u li l-esekuzzjoni tiegħu kienet milquta mir-Riżoluzzjoni 661 (1990) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u mir-riżoluzzjonijiet relatati <sup>(1)</sup>, għandu jibqa' fis-seħħ.

#### ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

##### L-Artikolu 1

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "il-Kumitat tas-Sanzjonijiet" tfisser: il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li kien stabbilit skond il-paragrafu 6 tar-Riżoluzzjoni 661 (1990);
2. "fondi" tfisser assi finanzjarji u ġid ekonomiku ta' kull xorta, inklużi, iżda mhux limitati għal:
  - (a) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet dwar flus, drafts, ordinijiet ta' flus u strumenti oħra ta' pagamenti;
  - (b) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi fuq kontijiet, djun u obbligi ta' djun;
  - (c) titoli u strumenti ta' debitu mibjugħa pubblikament jew privatament, inklużi stokks u ishma, ċertifikati li jirrappreżentaw titoli, bonds, noti, digrieti, obbligazzjonijiet u kuntratti derivati minnhom;
  - (d) interess, dividendi jew dħul ieħor minn jew valur li jinħoloq mill-assi;
  - (e) kreditu, dritt għal kumpens, garanziji, garanziji ta' esekuzzjoni jew rabtiet finanzjarji oħra;
  - (f) ittri ta' kreditu, poloz ta' karigu, dokumenti uffiċjali ta' bejgħ ta' proprjetà;
  - (g) dokumenti li jixhdu interess f'fondi jew riżorsi finanzjarji,
  - (h) kull strument ieħor li jiffinanzja l-esportazzjoni;
3. "riżorsi ekonomiċi" tfisser assi ta' kull tip, kemm jekk tanġibbli u kemm jekk le, kemm jekk mobbli jew immobbli, li ma humiex fondi imma li jistgħu jintużaw sabiex ikunu akkwistati fondi, merkanzija jew servizzi;
4. "iffriżar ta' fondi" tfisser il-projbizzjoni ta' ċaqliq, trasferimenti, bidliet, użu ta' jew traffikar ta' fondi li jistgħu b'xi

mod iwasslu għal bidla fil-volum, fl-ammont, fil-lokazzjoni, fid-dritt tal-pussess, fil-pussess, fil-karattru, fid-destinazzjoni jew f'bidla oħra li tagħmel possibbli l-użu tal-fondi, inkluż il-ġestjoni tal-portafolli;

5. "iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi" tfisser il-projbizzjoni ta' l-użu ta' dawn ir-riżorsi sabiex jinkisbu fondi, merkanzija jew servizzi b'kull mod, inklużi, iżda mhux biss, permezz tal-bejgħ jew kera tagħhom jew permezz ta' l-użu tagħhom bħala ipoteka;
6. "Il-Fond għall-Iżvilupp ta' l-Iraq" tfisser il-Fond għall-Iżvilupp ta' l-Iraq miżmum mill-Bank Ċentrali ta' l-Iraq.

##### L-Artikolu 2

Id-dħul kollu mill-bejgħ u l-esportazzjoni ta' żejt mhux raffinat, prodotti ta' żejt mhux raffinat u gass naturali mill-Iraq, kif imniżżla fil-lista ta' l-Anness I, għandu, mit-22 ta' Mejju 2003, jkun depożitat fil-Fond għall-Iżvilupp ta' l-Iraq skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Riżoluzzjoni 1483 (2003) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, u b'mod partikolari l-paragrafi 20 u 21 tagħha. Dan għandu jsir sakemm tkun imwaqqaf gvern li jirrappreżenta lill-Iraq u li jkun rikonoxxut internazzjonalment.

##### L-Artikolu 3

1. Dan li ġej għandu jkun ipprojbit:

- (a) l-importazzjoni jew l-introduzzjoni fit-territorju tal-Komunità ta',
- (b) l-esportazzjoni jew il-ħruġ mit-territorju tal-Komunità ta', u
- (c) it-traffikar fi proprjetà kulturali ta' l-Iraq u oġġetti oħra li għandhom importanza arkeoloġika, storika, kulturali, xjentifika jew reliġjuża, inlużi l-oġġetti mniżżla fil-lista ta' l-Anness II, jekk dawn kien meħuda b'mod illegali minn posittijiet fl-Iraq, b'mod partikolari jekk:
  - (i) dawn l-oġġetti jagħmlu parti integrali minn, jew kollezzjonijiet pubbliċi mniżżla fl-inventarji ta' mużewijiet Irqini, f'arkivi jew f'kollezzjoni ta' konservazzjoni ta' libreriji, jew f'inventarji ta' istituzzjonijiet reliġjużi Irqini, jew
  - (ii) jeżisti suspett xieraq illi l-oġġetti nħarrġu mill-Iraq mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju leġittimu tagħhom jew nħarrġu mill-Iraq bi ksur tal-liġijiet jew regolamenti ta' l-Iraq.

2. Dawn il-projbizzjonijiet ma għandhom japplikaw jekk ikun muri illi jew:

- (a) l-oġġetti kulturali kienu esportati mill-Iraq qabel is-6 ta' Awissu 1990; jew
- (b) l-oġġetti kulturali qed jintbagħtu lura lil istituzzjonijiet Irqini skond l-għan ta' ritorn salv imniżżel fil-paragrafu 7 tar-Riżoluzzjoni 1483 (2003) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

##### L-Artikolu 4

1. Għandhom ikunu friżati l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jinsabu barra l-Iraq fit-22 ta' Mejju 2003 jew wara din id-data u li jappartjenu lill-Gvern preċedenti ta' l-Iraq, jew lil xi wieħed mill-organi pubbliċi, korporazzjonijiet, inklużi kumpanniji stabbiliti mil-liġi privata iżda li awtoritajiet pubbliċi għandhom sehem maġġur fihom, u aġenziji ta' dik ir-Repubblika identifikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u mniżżla fil-lista ta' l-Anness III.

<sup>(1)</sup> ĠU L 361, ta' l-10.12.1992, p. 1.

2. Għandhom ikunu friżati l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lill-, jew huma proprjetà ta' jew huma miżmuma mill-persuni li ġejjin, kif identifikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u mniżżla fl-Anness IV:

- (a) l-ex President Saddam Hussein;
- (b) uffiċjali anzjani tar-reġim tiegħu;
- (ċ) membri immedjati tal-familji tagħhom; jew
- (d) persuni ġuridiċi, organi jew entitajiet li huma proprjetà ta' jew huma ikkontrollati direttament jew indirettament mill-persuni msemmija fis-subparagrafi (a), (b) u (c) jew minn xi persuna naturali jew ġuridika li taġixxi f'isimhom jew fuq direzzjonijiet tagħhom.

3. Ma għandhomx jitqiegħdu fondi għad-dispożizzjoni, kemm diretta u kemm indiretta, ta' jew għall-vantaġġ ta', persuna naturali jew ġuridika, organu jew entità mniżżla fil-listi ta' l-Annessi III u IV.

4. Ma għandhomx jitqiegħdu riżorsi ekonomiċi għad-dispożizzjoni, kemm diretta u kemm indiretta, ta' jew għall-vantaġġ ta', persuna naturali jew ġuridika, organu jew entità mniżżla fil-listi ta' l-Annessi III u IV b' tali mod li dik il-persuna, grupp jew entità tkun tista' takkwista fondi, merkanzija jew servizzi.

#### L-Artikolu 5

1. L-ikkreditar ta' kontijiet iffriżati jista' jsir iżda bil-kondizzjoni illi kull żieda li ssir tkun iffriżata.

2. Dan ir-Regolament ma għandux jitlob l-iffriżar ta' trasferiment ta' fondi lil beneficijarju fil-Komunità minn jew permezz ta' bank Iraq li jissodisfa l-kondizzjonijiet ta' l-Artiklu 4(1), jekk dan it-trasferiment ikun pagament għall-merkanzija jew servizzi mitluba mill-klijenti ta' dak il-bank. Dan ir-Regolament ma għandux jirristrinġi l-validità u l-użu ta' garanziji u ittri ta' kreditu maħruġa minn banek Iraqini li jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' l-Artiklu 4(1) fuq talba tal-klijenti tagħhom bil-għan li jħallsu għal merkanzija jew servizzi li l-klijenti konċernati jkunu ordnaw fil-Komunità.

#### L-Artikolu 6

Fondi, riżorsi ekonomiċi u dħul minn riżorsi ekonomiċi friżati skond l-Artiklu 4 għandhom jiġu rilaxxati bl-iskop li jkunu trasferiti fil-Fond għall-Iżvilupp ta' l-Iraq miżmum mill-Bank Ċentrali ta' l-Iraq u dan skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Riżoluzzjoni 1483 (2003) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

#### L-Artikolu 7

1. Għandha tkun projbita l-parteciġazzjoni, bl-għarfien u bl-intenzjoni, fattivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom huwa li b'mod dirett jew indirett jaħarbu mill-Artiklu 4 jew li jinkoraġġixxu l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 2 u 3

2. Kull informazzjoni li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament kienu jew qed jiġu evitati għandha tkun mgħoddija lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif imniżżla fil-lista fl-Anness V, u permezz ta' dawn l-awtoritajiet, b'mod dirett jew indirett, għandha tkun mgħarrfa l-Kummissjoni.

#### L-Artikolu 8

1. Bla ħsara għar-regoli li japplikaw fir-rigward ta' l-irrapportar, tal-konfidenzalità u tas-segretezza professjonali u

bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 284 tat-Trattat, persuni naturali u ġuridiċi, entitajiet u organi għandhom:

- (a) jipprovdu immedjatament kull informazzjoni li tista' tiffaċilita l-ħarsien ta' dan ir-Regolament, bħal per eżempju, l-kontijiet u l-ammonti friżati skond l-Artiklu 4, lill-awtoritajiet kompetenti mniżżla fil-lista ta' l-Anness V ta' l-Istati Membri li fihom huma residenti jew ippostjati, u b'mod dirett jew permezz ta' dawn l-awtoritajiet kompetenti, lill-Kummissjoni;
- (b) jikkooperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti mniżżla fil-lista ta' l-Anness V meta dawn ikun qed jivverifikaw din l-informazzjoni.

2. L-informazzjoni mogħtija jew riċevuta skond dan l-Artiklu għandha tintuża biss għall-iskopijiet li għalihom kienet mogħtija jew riċevuta.

3. Informazzjoni addizzjonali li tirċievi l-Kummissjoni direttament għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati.

#### L-Artikolu 9

L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi li jsir *in buona fede* u skond dan ir-Regolament ma joħloq l-ebda responsabbiltà għall-persuni naturali jew ġuridiċi jew entitajiet li jimplimentawh u lanqas għad-diretturi jew impjegati ta' dawn l-entitajiet. Dan ma japplikax meta r-riżorsi ekonomiċi kienu friżati b'riżultat ta' negliġenza.

#### L-Artikolu 10

1. Dawn li ġejjin għandhom ikunu immuni minn proċeduri legali u ma għandhomx ikunu suġġetti għal kull forma ta' sekwestru, qbid jew eżekuzzjoni:

- (a) żejt mhux raffinat, prodotti ta' żejt mhux raffinat u gass naturali li joriġinaw fl-Iraq, sakemm it-titolu ta' dan il-materjal jgħaddi f'idejn ix-xerrej;
- (b) dħul u obbligi li jirriżultaw mill-bejgħ ta' żejt mhux raffinat, prodotti ta' żejt mhux raffinat u gass naturali li joriġinaw fl-Iraq, inklużi pagamenti għal dawn l-oġġetti ddepożitati fil-Fond għall-Iżvilupp ta' l-Iraq miżmum mill-Bank Ċentrali ta' l-Iraq;
- (ċ) fondi u riżorsi ekonomiċi friżati skond l-Artiklu 4;
- (d) l-Fond għall-Iżvilupp ta' l-Iraq miżmum mill-Bank Ċentrali ta' l-Iraq.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, id-dħul u l-obbligi li jirriżultaw mill-bejgħ ta' żejt mhux raffinat, prodotti ta' żejt mhux raffinat u gass naturali li joriġinaw fl-Iraq, u l-Fond għall-Iżvilupp ta' l-Iraq ma għandhomx ikunu immuni minn pretensjonijiet magħmula a bażi tar-responsabbiltà ta' l-Iraq għal danni ikkawżati minn inċidenti ekoloġiċi wara t-22 ta' Mejju 2003.

#### L-Artikolu 11

Il-Kummissjoni għandha tingħata l-poter illi:

- (a) temenda l-Anness II skond kif ikun hemm bżonn;
- (b) temenda jew tissupplimenta l-Annessi III u IV a bażi ta' determinazzjonijiet magħmula mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet; u
- (ċ) temenda l-Anness V a bażi ta' informazzjoni mgħoddija mill-Istati Membri.

*L-Artikolu 12*

Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi ta' l-Istati Membri taħt il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kummissjoni għandha żżomm il-kuntatti kollha meħtieġa mal-Kumitat tas-Sanzjonijiet bil-għan li dan ir-Regolament ikun implimentat b'mod effettiv.

*L-Artikolu 13*

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinfurmaw immedjatament lil xulxin dwar kull miżura li jieħdu skond dan ir-Regolament. Huma għandhom jgħaddu lil xulxin informazzjoni rilevanti li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom u li jkollha x'taqsam ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari informazzjoni li jkunu rċievu skond l-Artiklu 8 u informazzjoni dwar ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, problemi ta' infurzar u deċiżjonijiet mogħtija mill-qrati nazzjonali.

*L-Artikolu 14*

Dan ir-Regolament għandu japplika minkejja kwalunkwe drittijiet mogħtija jew obligazzjonijiet imposti permezz ta' ftehim internazzjonali iffirmati jew il-konklużjoni ta' kull kuntratt jew kull liċenza jew permess mogħti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 15*

1. l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar is-sanzjonijiet li għandhom japplikaw għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jassiguraw illi dawn ir-regoli jkunu implimentati. Is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u li kapaċi jiddiswadu.

2. Sakemm tkun addottata leġiżlazzjoni b'dan il-għan, fejn hemm il-bżonn li din il-leġiżlazzjoni tkun addottata, is-sanzjonijiet li għandhom ikunu imposti meta jkun hemm ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu, fejn ikun rilevanti, daww is-sanzjonijiet determinati mill-Istati Membri sabiex idaħħlu fis-seħħ l-Artiklu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 2465/96.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 7 Lulju 2003.

Għall-Kunsill

Il-President

F. FRATTINI

3. Kull Stat Membru għandu jkun risponsabbli sabiex jibda proċeduri kontra kull persuna naturali jew ġuridika, grupp jew entità li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu meta tali persuna, grupp jew entità tikser xi miżura restrittiva stabbilita f'dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 16*

Dan ir-Regolament għandu jkun japplika:

- (a) fit-territorju tal-Komunità, inkluż l-ispażju ta' l-ajru;
- (b) abbord kull ajruplan jew vapur li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;
- (c) għal kull persuna li hija ċittadina ta' Stat Membru kull fejn tinstab;
- (d) għal kull persuna ġuridika, grupp jew entità inkorporata jew kostitwita taħt il-liġi ta' Stat Membru;
- (e) għal kull persuna ġuridika, grupp jew entità li hija involuta f'kummerċ fil-Komunità.

*L-Artikolu 17*

Ir-Regolament (KE) Nru 2465/96 huwa hawnhekk revokat.

*L-Artikolu 18*

1. Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum ta' wara dak li fih ikun ippublikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

2. Dan ir-Regolament, minbarra l-Artikoli 4 u 6, għandu japplika mit-23 ta' Mejju 2003.

3. L-Artiklu 10 għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2007.

## L-ANNEX I

## Lista ta' merkanzija msemmija fl-Artiklu 2

| Kodiċi NM  | Deskrizzjoni tal-Prodott                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                              |
|------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 2709 00    | Żejt mhux raffinat u żejt miksub minn minerali tal-bitum mhux raffinat                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
| 2710       | Żejt u żejt miksub minn minerali tal-bitum, minbarra żejt li ma jkunx raffinat; preparazzjonijiet li m'humiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor u li 70 % tal-piż tagħhom u li l-kostitwent bażiku tagħhom huwa żejt jew żejt miksub minn minerali tal-bitum                                                                                                                                                                                                                     |
| 2711       | Gassijiet petrolifiċi u idrokarboni li fihom il-gass                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
| 2712 10    | Griż meħud mill-pitrolju                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                              |
| 2712 20 00 | Xamgħa li tittieħed mill-pitrolju li l-piż tagħha fih anqas minn 0,75 % żejt                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                          |
| Ex 2712 90 | "Slack wax", "scale wax"                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                              |
| 2713       | Kokk tal-pitrolju, bitum tal-pitrolju u residwi oħra ta' żejt mhux raffinat jew żejt miksub minn minerali tal-bitum                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
| 2714       | Bitum u asfalt naturali; <i>shale</i> tal-bitum jew taż-żejt u ramel tal-qatran; blat ta' l-asfalt                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| 2715 00 00 | Taħlitiet tal-bitum ibbażati fuq asfalt naturali, fuq bitum naturali, fuq bitum tal-pitrolju, fuq qatran naturali jew fuq żift tal-qatran naturali (eżempju, siment tal-bitum użat ma' l-asfalt "cutbacks")                                                                                                                                                                                                                                                                           |
| 2901       | Idrokarboni aċikliċi                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
| 2902 11 00 | Idrokarboni ċikliċi likwidi tas-serje paraffin.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |
| 2902 20 00 | Benżin                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
| 2902 30 00 | <i>Toluene</i> : likwidu bla kulur li jieħu n-nar malajr meħud mill-qatran tal-faħam u mill-pitrolju                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
| 2902 41 00 | <i>o-Xylene</i>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |
| 2902 42 00 | <i>m-Xylene</i>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |
| 2902 43 00 | <i>p-Xylene</i>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |
| 2902 44    | Isomeri imħallta ta' l- <i>xylene</i>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                 |
| 2902 50 00 | Stirene                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| 2902 60 00 | Etile benżin                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                          |
| 2902 70 00 | <i>Cumene</i>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| 2905 11 00 | Metanol (alkoħol tal-metil)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           |
| 3403 19 10 | Preparazzjoni li jillubrikaw (inklużi preparazzjonijiet ta' żejt użati fl-għodda tal-qtugħ, preparazzjonijiet użati biex jinħallu viti u skorfini, preparazzjonijiet għal kontra s-sadid, preparazzjonijiet għal kontra l-korrużjoni, u preparazzjonijiet biex jinħallu l-forom, ibbażati fuq lubrikanti) u preparazzjonijiet li fihom, bħala kostitwenti bażiċi, 70 % tal-piż tagħhom żejt mhux raffinat jew żejt miksub minn minerali tal-bitum iżda mhux bħala l-kostitwent bażiku |
| 3811 21 00 | Addittivi għal żjut li jillubrikaw li fihom żjut mhux raffinat jew żjut miksuba minn minerali tal-bitum                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| 3824 90 10 | Sulfon tal-pitrolju, minbarra sulfon tal-pitrolju minn metalli alkali, minn ammonju jew minn etanolamini; aċtu sulfoniku taż-żejt ku fih l-atomi sulfuriċi hađu post uħud jew l-atomi kollha ta' l-ossiġenu, liema aċtu jkun miksub minn minerali tal-bitum u l-melħ tagħhom                                                                                                                                                                                                          |

## L-ANNEX II

## Lista ta' l-affarijiet imsemmija fl-Artiklu 3

| Ex Kodiċi NM                                                                                                 | Deskrizzjoni tal-Prodott                                                                                                                                                                                                                                                                          |
|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 9705 00 00<br>9706 00 00                                                                                     | 1. Oġġetti arkeoloġiċi li għandhom aktar minn 100 sena: <ul style="list-style-type: none"> <li>– li huma l-frott ta' skavi u ta' sejbiet fuq l-art jew taħt l-ilma</li> <li>– li nstabu f'siti arkeoloġiċi</li> <li>– li jagħmlu parti min kollezzjonijiet arkeoloġiċi</li> </ul>                 |
| 9705 00 00<br>9706 00 00                                                                                     | 2. Elementi li jiffurmaw parti integrali minn monumenti artistiċi, storiċi jew reliġjużi li għandhom aktar minn 100 sena u li kienu maqsuma f'diversi partijiet                                                                                                                                   |
